PJAN TA'
RIĠENERAZZJONI
EKONOMIKA

# GĦADAAĦJAR

## INSAĦĦU LILL-FAMILJI U LIN-NEGOZJI

ĠUNJU 2020



PJAN TA'
RIĠENERAZZJONI
EKONOMIKA

# GĦADAAĦJAR

INSAĦĦU LILL-FAMILJI U LIN-NEGOZJI

GVERN TA' MALTA

**01** INTRODUZZJONI 4

**1.1** **Il-Qagħda Ekonomika u l-ħsieb wara l-pjan ta' riġenerazzjoniċ** 7

**02** IL-MIŻURI LI TTIEĦDU S'ISSA 10

**03** PAKKETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-EKONOMIJA 14

**03.1** **Inċentivi biex innaqqsu l-ispejjeż għan-negozji u nagħtu aktar finanzjament** 18

3.1.1 Differiment ta' ħlas tat-taxxi

3.1.2 Rifużjoni tal-kontijiet tal-elettriku għas-settur kummerċjali

3.1.3 Tnaqqis fil-prezz tal-petrol u d-diżil 19

3.1.4 Waiver għal-liċenzji tal-Gvern għan-negozji fl-2020

3.1.5 Konverżjoni ta' tax credits fi grants 20

3.1.6 Restart grant għal spejjeż ta' operat inkluż kirjiet 21

3.1.7 Sostenn għar-reengeneering tan-negozji tagħna

3.1.8 Assistenza akbar favur it-taħriġ għal kumpaniji li jimpjegaw anqas minn 50 ħaddiem 22

**03.2** **Spinta lid-domanda domestika** 23

3.2.1 Voucher ta' €100 lil kull persuna ta' aktar minn sittax-il sena ħalli jintuża f'holiday accommodation liċenzjati, f'ristoranti u negozji oħra li kienu ngħalqu

3.2.2 Rifużjoni tat-taxxa lill-ħaddiema kollha 24
3.2.3 Tnaqqis tat-taxxa tal-boll fuq xiri ta' propjetà
3.2.4 Modifika tal-iskema tal-first time buyers 25
3.2.5 Rifużjoni għal dawk li kellhom jipposponu t-tieġ

**03.3 Sostenn dirett lill-industrija ta' pajjiżna u favur ix-xogħol** 27
3.3.1 Miżuri biex insostnu s-supply chains tal-ekonomija tagħna
3.3.2 Stabbiltà fis-suq kapitali lokali
3.3.3 Sostenn għall-promozzjoni tal-esportazzjoni 28
3.3.4 Garanzija ta' kreditu għall-esportazzjoni
3.3.5 Għajnuna għall-immodernizzar tal-makkinarju fl-industrija tal-kostruzzjoni 29
3.3.6 Kampanja promozzjonali għan-negozji Maltin u Għawdxin
3.3.7 Environmental, Social and Governance (ESG) Framework 30
3.3.8 Infrastruttura industrijali ġdida
3.3.9 Estensjoni tal-COVID-19 Wage Supplement 31
3.3.10 Titjib fl-in-work benefit 32
3.3.11 Għajnuna għal għaqdiet volontarji 33
3.3.12 Għajnuna għad-djar tal-anzjani

**04** KONKLUŻJONI 34

# 01

## INTRODUZZJONI

Meta l-Gvern ippreżenta l-Budget għall-2020, filwaqt li kien hemm inċertezzi fil-kummerċ internazzjonali dovuti għal tariffi projbittivi li kienu qegħdin jiġu introdotti u deċiżjonijiet bħal Brexit, żgur li ma kien hemm l-ebda ħjiel li se niffaċċjaw saram naturali ferm aktar devastanti.

L-imxija tal-Coronavirus wasslet għal dak li l-Fond Monetarju Internazzjonali sejjaħ "The Great Lockdown". Soċjetajiet madwar il-globu kellhom jiffaċċjaw pandemija li ġabet magħha biża', imwiet, paniku, xokk qawwi u ffriżar tal-attività ekonomika u kummerċjali. Ġejna f'sitwazzjoni bla preċedent fejn setturi sħaħ kellhom jieqfu ħesrem, skejjel jingħalqu, u attivitajiet soċjali jiġu pprojbiti. Kellna għall-ġid tas-soċjetà nwaqqfu dak kollu li jagħmel il-ħajja sabiħa – l-isport, iċ-ċinema, ir-ristoranti, l-ivvjaġġar, il-mużewijiet.

Ma kienx u mhuwiex żmien faċli għal ħadd. Iżda s-soċjetà tagħna qamet għall-isfida. Iffaċċjati minn dik li faċilment setgħet kienet kriżi li tfarrakna u li tbegħedna minn xulxin, minflok, ingħaqadna flimkien u n-nazzjon Malti u Għawdxi reġa' wera l-kuraġġ li dejjem wera quddiem is-saram.

Għax konna għaqlin u bieżla fis-snin li għaddew, stajna niffaċċjaw il-kriżi li ħolqot din il-pandemija, b'mod aktar ippreparat minn bosta pajjiżi oħra. Il-budgets passati wasslu biex l-ekonomija tagħna tirdoppja fi żmien qasir ta' seba' snin u permezz tagħhom irnexxielna nġibu l-finanzi pubbliċi fuq pedamenti sodi, fejn naqqasna l-piż tad-dejn għal-livell li kien ġenerazzjoni ilu. Imma aktar importanti mit-tkabbir kien li rnexxielna noħolqu attività ekonomika diversifikata li ħolqot għexerien ta' eluf ta' postijiet tax-xogħol.

Fl-istess waqt bnejna sistema tas-saħħa, li hija l-għira tad-dinja. Sistema tas-saħħa li wasslet biex l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u organizzazzjonijiet internazzjonali, jindikawna bħala eżempju. Bgħattna lill-eroj tagħna jiġġieldu l-ġlieda bl-aqwa riżorsi. Skont statistika tal-Eurostat, f'seba' snin konna l-pajjiż Ewropew bl-akbar tkabbir fin-numru ta' infermiera.

Jekk l-ekonomija tagħna rduppjat, l-istess għamlet l-ispiża fuq is-saħħa. L-investiment li l-Gvern għamel matul dawn l-aħħar snin wassal biex Malta tirreġistra l-anqas tixrid tal-pandemija u l-anqas imwiet minn dan il-virus qerriedi.

Issa, wasalna lura għan-normalità. Wara li kellna nnaqqsu r-ritmu tal-magna ekonomika sabiex inwaqqfu l-imxija, issa, bil-prudenza neċessarja, wasal iż-żmien biex nerġgħu nirriġeneraw l-ekonomija tagħna.

Fl-2013 bdejna l-miraklu ekonomiku ta' pajjiżna billi emminna fil-poplu, u minflok imponejna piżijiet biex innaqqsu d-defiċit, naqqasna t-taxxa tad-dħul u baxxejna l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Minflok qgħadna lura, dħalna b'kuraġġ għal investimenti pubbliċi kbar. Lil dawk li ma kinux jaħdmu offrejnielhom inċentivi kbar u fl-eluf tagħhom dawn saru parti mill-middle class ġdida.

Hekk se nerġgħu nagħmlu llum. Jekk fl-2013 konna fiduċjużi li din il-formula se taħdem, illum ninsabu konvinti. B'dan il-pjan se nwettqu Għada Aħjar għal Malta u Għawdex.

## 01.1 Il-Qagħda Ekonomika u l-ħsieb wara l-pjan ta' riġenerazzjoni

Hekk kif imbassar mill-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Unjoni Ewropea u l-Aġenżji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu, s'issa l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 fuq pajjiżna kien sostanzjali imma mhux drammatiku daqs ekonomiji madwarna.

Dan għax l-ekonomija Maltija ntlaqtet fi żmien meta kienet iddiversifikata tajjeb ħafna, reżiljenti u bi spazju fiskali biżżejjed biex tiġġieled din il-kriżi b'fiduċja kbira.

Dan wassal sabiex fl-ewwel kwart ta' din is-sena, minkejja l-pandemija globali, il-Prodott Domestiku Gross irreġistra tkabbir reali ta' 0.5 fil-mija filwaqt li b'mod nominali, il-PDG żdied b'1.9 fil-mija.

Dawn iċ-ċifri juru li Malta kellha prestazzjoni pjuttost tajba meta mqabbla mal-medja Ewropea u taż-Żona Ewro. Tabilħaqq, skont il-Eurostat, matul l-istess perjodu t-tkabbir ekonomiku fiż-Żona Ewro rreġistra tnaqqis ta' 3.2 fil-mija, filwaqt li l-ekonomija tal-UE ċkienet bi 2.6 fil-mija.

Minkejja l-pandemija globali, matul l-ewwel tliet xhur tas-sena, il-pagi u s-salarji żdiedu bi €78 miljun. Il-profitti tan-negozji wkoll irreġistraw żieda b'€36 miljun f'dan il-perjodu.

Wara li jitnaqqas il-valur ta' €55 miljun f'sussidji li ngħataw lill-kumpaniji permezz tal-miżuri ġodda f'dak il-perjodu, it-tkabbir ekonomiku fl-ewwel kwart tas-sena kien xprunat minn żieda fil-valur miżjud gross ta' €72 miljun hekk kif ħafna oqsma rreġistraw rati pożittivi ta' tkabbir nominali. Fil-fatt, it-tkabbir fil-valur gross fis-settur tal-kostruzzjoni, tas-servizzi finanzjarji, assigurazzjoni u professjonali, xjentifiku u attivitajiet tekniċi, ir-remote gaming u l-manifattura, ikkumpensaw għat-tnaqqis irreġistrat fl-oqsma tal-bejgħ u x-xiri, tal-akkomodazzjoni u tal-ikel.

Dan seħħ għax għażilna li bi prudenza nħallu attivitajiet bħax-xogħol fil-fabbriki, fl-uffiċċji professjonali u fil-kostruzzjoni jibqa' għaddej.

Dawn mhux talli naqqsu l-attività talli flimkien żdiedu b'erba' darbiet dak li tlifna fis-setturi li kellna ngħalqu. Li ma kinitx għad-deċiżjoni għaqlija li ma jkunx hawn lockdown totali, kieku llum ma nistgħux nitkellmu fuq pjan ta' riġenerazzjoni.

Matul l-ewwel kwart tal-2020, in-nefqa totali fuq il-konsum żdiedet bi 2.4 fil-mija f'termini nominali u b'0.6 fil-mija f'termini reali, hekk kif il-Gvern żied in-nefqa tiegħu biex jappoġġja n-negozji u jilqa' għall-impatt ekonomiku li ġabet il-COVID-19 fuq il-familji. Id-domanda internazzjonali wkoll kellha impatt pożittiv fuq il-PDG hekk kif l-importazzjoni waqgħet iktar mill-esportazzjoni. Jekk inħarsu lejn iż-żieda fin-numru ta' nies qiegħda, il-miżuri li ħa l-Gvern sabiex jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi bħal mhuma t-tax deferrals, is-sussidji fuq l-interessi, il-COVID Wage Supplement u l-grants fuq teleworking equipment u leave tal-kwarantina, kienu ta' suċċess. Dan għaliex iż-żieda ta' nies qiegħda f'pajjiżna kienet moderata.

Infatti f'April, in-numru ta' nies jirreġistraw għall-impjiegi kien ta' 3,979, waqt li r-rata ta' qgħad laħqet l-4%. Dan meta fi Frar tal-2013 kellna 7,279 jirreġistraw u rata tal-qgħad ta' 5.8%.

Fl-istess ħin, ir-rata tal-inflazzjoni qiegħda f'livell baxx. L-għoli tal-ħajja kif imkejjel skont ir-Retail Price Index niżel għal 0.83 fil-mija.

F'dan il-kuntest il-pjan ta' riġenerazzjoni huwa intiż li jilqa' għal żewġ sfidi.

L-ewwelnett it-tbassir minn istituzzjonijiet internazzjonali qegħdin juru li d-domanda esterna mistennija li tkun kajmana.

It-tieni sfida hija l-konsum privat. Mindu bdiet il-pandemija, id-depożiti mal-banek li għandhom il-familji żdiedu b'€453 miljun, jew b'għaxar darbiet ir-rata li kellna fl-istess żmien is-sena li għaddiet.

Il-pjan ta' riġenerazzjoni għalhekk huwa intiż li jagħmel tajjeb għal sfida ta' domanda domestika u esterna li hija baxxa, u li qiegħda tirriżulta f'tifdil aktar qawwi minn dak li għandha bżonn l-ekonomija tagħna.

# 02

## IL-MIŻURI LI TTIEĦDU S'ISSA

Il-pjan ta' riġenerazzjoni biex Malta jkollha Għada Aħjar ma kienx ikun possibbli li kieku ma ħadniex miżuri importanti wara l-bidu tal-pandemija.

L-ewwel pilastru tal-għajnuna li ngħatat kienet li nissalvagwardjaw l-impjieġi – l-akbar legat tat-tkabbir ekonomiku qawwi li kellna fl-aħħar snin. Kien għalhekk li daħħalna numru ta' skemi, ewlenin fosthom il-COVID-19 Wage Supplement Scheme. Dawn il-miżuri ssalvagwardjaw madwar 100,000 persuna bi spiża netta sa tmiem Mejju ta' €68 miljun. Li kieku dawn il-persuni ma baqgħux f'impjieg kieku l-proċess ta' riġenerazzjoni ekonomika ma kienx jista' jitlaq.

It-tieni pilastru kien injezzjoni ta' likwidità lin-negozju. Permezz tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, kien hemm posponiment ta' ħlas tat-taxxi. Din il-miżura l-ewwel kienet ikkomunikata li kienet se tkun għax-xhur ta' Marzu u April, imbagħad ġiet estiża wkoll għax-xhur ta' Mejju u Ġunju. Din il-miżura fissret li l-Gvern b'mod dirett, sellef bla imgħax, lin-negozji ammont ta' mill-anqas €280 miljun.

Il-Gvern ra li l-bżonnijiet tal-familji u n-negozji fejn għandu x'jaqsam il-kreditu jiġu indirizzati b'kull strument li l-Gvern għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Hekk per eżempju, riżultat tat-talba għall-moratorju ta' sitt xhur fuq id-djun kurrenti, sal-aħħar t'April 'il fuq minn ħamest elef familja u elf u seba' mitt negozju gawdew minn din il-miżura fuq ammont misluf ta' biljun u tliet mitt elf ewro.

L-aħħar element ta' likwidità kien jinvolvi l-għoti ta' garanziji fuq self ġdid, flimkien ma' sussidju fuq l-imgħax, sa massimu ta' tnejn punt ħamsa fil-mija, għal sentejn, fuq dan l-istess self. Din hi miżura li se tiswa lill-Gvern €40 miljun f'sussidju u li se tinvolvi garanzija ta' €350 miljun lill-Bank Malti tal-Iżvilupp, biex jiġi mogħti self ġdid sa €780 miljun.

Din l-iskema ta' garanzija ntlaqgħet tajjeb ħafna u sal-aħħar ta' Mejju kienet diġà qiegħda tkopri aktar minn €100 miljun self bankarju ġdid għal working capital. Huwa mistenni li dan l-ammont ikompli jikber b'ritmu mgħaġġel fix-xhur li ġejjin.

Taħt din l-iskema, il-Gvern qiegħed jipprovdi garanzija ta' 90% fuq kull self bankarju. Waslulna rapporti li, minkejja din il-garanzija qawwija, il-banek xorta qegħdin jitolbu lill-klijenti biex jipprovdu garanzija personali tal-ammont kollu tas-self. Dan qiegħed joħloq diffikultajiet kbar speċjalment lill-intrapriżi ż-żgħar. Għaldaqstant, il-Gvern, permezz tal-Bank Malti tal-Iżvilupp, se jagħmel l-almu tiegħu sabiex tinstab soluzzjoni xierqa għal din id-diffikultà rigward self lill-intrapriżi żgħar sabiex dawn ma jibqgħux jintalbu garanzija personali aktar milli huwa meħtieġ.

Fl-aħħarnett irridu nsemmu li f'din il-pandemija, il-Ministeru tas-Saħħa ġie allokat fondi addizzjonali ta' €130 Miljun.

Dawn il-miżuri jifformaw pakkett li kien wieħed mill-aktar ġeneruż fost il-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea u mhux biss. Dan filwaqt li ma daħħalna l-ebda trażżin ta' xi nefqa minn dawk il-miżuri kollha li kien hemm fil-Budget għall-2020.

# 03

## PAKKETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-EKONOMIJA

Issa li neħħejna r-restrizzjonijiet għan-negozji se nimxu għall-fażi li jmiss biex nirriġeneraw u nistimulaw l-ekonomija. Issa huwa ż-żmien fejn nerġgħu naraw l-impjegati jirritornaw lejn il-postijiet tax-xogħol; iż-żmien fejn il-poplu jerġa' jikseb dik il-kunfidenza li jonfoq u jinvesti.

Irridu ngħinu lin-negozji għal meta jerġgħu jinfetħu l-portijiet u l-ajruport u jerġa' jibda ġej it-turist f'pajjiżna u rridu li l-poplu tagħna wkoll ikollu ċ-ċans igawdi lil pajjiżna. Irridu li nqajmu t-turiżmu intern, turiżmu li se jgħin speċjalment lill-gżira Għawdxija.

Fi żmien meta d-domanda esterna kapaċi tkun anqas minn dik li konna mdorrijin biha, se jkun importanti li nużaw il-ġid li ħloqna fis-snin passati biex insostnu d-domanda domestika fiż-żmien li ġej. Fl-istess ħin irridu nkomplu nagħtu spinta lin-negozji ħalli dawn jagħmlu tajjeb għat-tibdil fl-operat li għandhom bżonn jagħmlu kif ukoll biex innaqqsu l-ispejjeż tagħhom fi żmien meta d-domanda forsi mhux se tkun dik li mdorrijin biha.

Biex nilħqu dawn l-għanijiet se nwettqu pakkett komprensiv li se jitfa' fl-ekonomija tagħna madwar €900 miljun, jew 6.7% tal-Prodott Domestiku Gross fl-2019. Dawn jinkludu likwidità aktar ta' €200 miljun f'differimenti addizzjonali, sensiela ta' proġetti kapitali li fuq medda ta' seba' snin se jtejbu l-infrastruttura industrijali ta' pajjiżna b'madwar €400 miljun, u €300 miljun f'sostenn lill-familji u lin-negozji ta' pajjiżna. Dan ifisser li dan l-intervent jisboq dak li sar fix-xhur li għaddew.

Dawn iċ-ċifri ma jinkludux stima ta' madwar €200 miljun oħra li qiegħda hemm biex tingħata wkoll għajnuna settorjali minħabba l-Covid-19 jekk din tkun iġġustifikata.

Il-pakkett li bih Malta se jkollha **Għada Aħjar** fih tliet komponenti:

### L-ewwel komponent:
Miżuri li jnaqqsu l-ispejjeż għan-negozji u jagħtu aktar finanzjament, b'budget allokat ta' kważi €305 miljun;

### It-tieni komponent:
Spinta lid-domanda domestika ta' €69 miljun;

### It-tielet komponent:
Sostenn dirett lill-industrija ta' pajjiżna u favur ix-xogħol, b'appoġġ ta' €116-il miljun; flimkien ma' proġetti kapitali ta' €400 miljun.

## 03.1
# Inċentivi biex innaqqsu l-ispejjeż għan-negozji u nagħtu aktar finanzjament

### 3.1.1
### Differiment ta' ħlas tat-taxxi

Id-differiment tal-ħlas tat-taxxi kienet immirata li tkun l-ewwel għajnuna għan-negozji billi tipprovdi l-likwidità neċessarja biex ikomplu joperaw fi żmien meta d-dħul kien ixxotta. Inizjalment l-iskema kienet miftuħa għal kull ħlas ta' taxxa tul ix-xahrejn ta' Marzu u April. Dawn it-taxxi jinkludu ħlasijiet tal-VAT; tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u ta' taxxi oħra fuq id-dħul. Dan il-perjodu kien estiż b'xahrejn oħra sal-aħħar ta' Ġunju.

Billi l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, tat-taxxi tal-ħaddiema u l-kontribuzzjoni għal-leave tal-maternità jiġu kollha mill-paga tal-ħaddiem, dawn issa jridu jibdew jitħallsu mill-ewwel ta' Lulju.

Taxxi u kontribuzzjonijiet oħra minn dawk in-negozji li jkunu eliġibbli, se jerġgħu jiġu estiżi b'xahrejn oħra sa l-aħħar ta' Awwissu. Il-ħlas b'lura ta' kontribuzzjonijiet u taxxi differiti se jinfirxu fuq tnax-il xahar.

Dan id-differiment jammonta għal €200 miljun oħra f'likwidità għan-negozji.

### 3.1.2
### Rifużjoni tal-kontijiet tal-elettriku għas-settur kummerċjali

Dawk in-negozji li ngħataw il-COVID Wage Supplement se jingħataw appoġġ addizzjonali fl-ewwel xhur wara li bdew joperaw. Dan billi huma se jkunu jistgħu jgħaddu l-kontijiet tal-elettriku tagħhom lill-Malta Enterprise ħalli din tagħmel pagamenti fuqhom.

Dawn il-pagamenti se jkunu limitati għal 50% ta' kont b'rata kummerċjali għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru sa ammont ta' €1,500 kull applikant, bl-ispiża totali mistennija tlaħħaq ftit aktar minn €30 miljun.

L-ammont mhux se jinkludi l-pagament għall-meter ħalli l-għajnuna tkun iffukata fuq spiża ta' operat. Barra milli jservi bħala inċentiv ħalli dawn in-negozji jiftħu, din il-miżura se tgħin speċjalment lil dawk in-negozji żgħar li minħabba miżuri ta' social distancing se jkollhom limitu fuq kemm klijenti jistgħu jaqdu.

## 3.1.3
## Tnaqqis fil-prezz tal-petrol u d-diżil

Fl-aħħar xhur kien hemm tnaqqis fil-prezz tal-petrol u d-diżil madwar l-Unjoni Ewropea minħabba bidliet fil-prezz internazzjonali taż-żejt. F'pajjiżna żammejna lura għax kien żmien fejn ir-rakkomandazzjoni kienet li għandna nillimitaw il-ħruġ mhux essenzjali.

Issa li tneħħew ir-restrizzjonijiet, il-Gvern se jkun qiegħed inaqqas l-element tat-taxxi fuq il-fjuwil, sa ammont ta' €7 miljun. B'hekk, mit-Tnejn li ġej, il-prezz tal-petrol se jonqos b'7 ċenteżmi għal €1.34, filwaqt li l-prezz tad-diżil se jitnaqqas b'7 ċenteżmi għal €1.21. Dan huwa l-akbar tnaqqis f'daqqa li qatt seħħ.

## 3.1.4
## Waiver għal-liċenzji tal-Gvern għan-negozji fl-2020

Qabel faqqgħet il-pandemija, ħafna negozji fis-setturi li l-aktar intlaqtu ekonomikament kienu ħallsu l-liċenzji dovuti lill-Gvern biex ikunu jistgħu joperaw. Fil-kuntest ta' dak li ġara, il-Gvern se jkun qiegħed jagħti lura dawn il-ħlasijiet. Din se twassal għal sostenn ta' madwar €5 miljun.

Miżura bħal din hija ġustifikata mill-fatt li, minħabba r-regoli tas-social distancing, ħafna negozji se jkollhom operat differenti minn dak li kien permess taħt il-liċenzja li ħallsu għaliha.

L-aktar li se jibbenefikaw minn din il-waiver huma n-negozji ż-żgħar. Fil-fatt, din il-miżura se tolqot 3,065 persuna li għandhom liċenzja mad-Dipartiment tal-Kummerċ fosthom bejjiegħa tal-monti u bejjiegħa fit-toroq u 9,047 li għandhom liċenzja mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, fosthom lukandi, bars, ristoranti u gwidi tat-turisti.

### 3.1.5
### Konverżjoni ta' tax credits fi grants

Biex nagħtu injezzjoni diretta lil dawk li investew fl-2019 u li gawdew mill-iskema tal-Malta Enterprise tat-tax credits, il-Microinvest, se naqilbu 30% ta' dawn il-credits fi grants. Dawn l-ispejjeż jinkludu refurbishment u upgrading ta' uffiċini u fabbriki, investiment f'makkinarju u assi oħra.

Permezz ta' din l-għajnuna se nsostnu lil dawk li nqabdu fuq sieq waħda għax il-pandemija laqtithom wara li kienu daħlu għal investiment sena ilu. Lil dawn ma rriduhomx jaqtgħu qalbhom u se nagħtuhom grant sa massimu ta' €2,000 għal kull negozju.

Għal negozji f'Għawdex, kif ukoll negozji tal-familja u dawk mmexxija minn intraprendituri nisa l-għotja titla' sa €2,500.

B'kollox, din il-miżura, li se tħaddem il-Malta Enterprise, se tagħti madwar €5 miljun lill-intrapriżi ż-żgħar u medji f'pajjiżna.

### 3.1.6
### Restart grant għal spejjeż ta' kera

Bħalma se jkun hemm għajnuna lill-intrapriżi fejn jidħol l-elettriku, se nagħtu sostenn ukoll fuq spejjeż tal-kera.

Għalhekk dawk l-intrapriżi li ngħataw il-COVID Wage Supplement, kemm ta' Annex A kif ukoll ta' Annex B, jiġifieri 'l fuq minn 20,000, se jkunu jistgħu japplikaw għal grant sa €2,500. Dan isir wara li dawn l-intrapriżi jippreżentaw kuntratti ta' kera.

Se nallokaw budget sa €50 miljun għal dan il-għan.

### 3.1.7
### Sostenn għar-reengeneering tan-negozji tagħna

Il-COVID-19 ġabet magħha sensiela ta' sfidi għan-negozji tagħna u se jkun importanti li jitwettqu bidliet fil-mod kif joperaw. Il-Gvern diġà għen permezz tal-assistenza għad-dħul tat-teleworking. Imma f'diversi negozji, speċjalment dawk żgħar, min imexxi n-negozju se jkollu bżonn għajnuna professjonali biex isiru business plans ġodda u biex jiġu esplorati soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda.

Għalhekk il-Malta Enterprise se tkun qiegħda tagħti finanzjament sa €5,000 kull negozju ħalli dawn jagħmlu business reengeering ma' kumpaniji approvati. Il-budget allokat se jlaħħaq €2.5 miljun u se jwassal għall-użu ta' aktar teknoloġija mill-kumpaniji tagħna speċjalment dawk żgħar. Hekk inkomplu nagħmlu lil pajjiżna ekonomija diġitali.

## 3.1.8
## Assistenza akbar favur it-taħriġ għal kumpaniji li jimpjegaw anqas minn 50 ħaddiem

Fiż-żmien qabel il-COVID-19, waħda mill-isfidi l-kbar kienet in-nuqqas tal-ħiliet, tant li kienet wasslet għall-bżonn dejjem jikber ta' ħaddiema barranin. Irridu nieħdu l-opportunità ta' dan iż-żmien biex intejbu kemm nistgħu l-abbiltajiet tal-ħaddiema tagħna. L-aktar li hemm bżonn għajnuna hija fost il-kumpaniji ż-żgħar u medji.

Għalhekk il-Malta Enterprise se tkun qiegħda żżid mal-progamm eżistenti "Skills Development Scheme" ħalli tilħaq aktar negozji. Dan permezz ta' żieda fl-allokazzjoni ta' €5 miljun li se jkun dirett lejn kumpaniji li jimpjegaw anqas minn 50 ħaddiem.

Se nippruvaw li dan it-taħriġ isir kemm jista' jkun in-house u niffukaw li l-ħiliet tal-impjegati l-aktar b'esperjenza jinfirxu fost dawk aktar żgħażagħ. Din se tgħin biex negħlbu waħda mill-isfidi tal-anzjanità – dik li l-ħiliet jintilfu meta ħaddiema jirtiraw.

# 03.2
# Spinta lid-domanda domestika

## 3.2.1
## Voucher ta' €100 lil kull persuna ta' aktar minn sittax-il sena ħalli jintuża f'holiday accommodation liċenzjati, f'ristoranti u negozji oħra li kienu ngħalqu

Ħafna negozji kellhom jagħmlu perjodu twil magħluqa minħabba r-restrizzjonijiet li ħadna biex titnaqqas l-imxija tal-coronavirus. Dan wassal biex f'xahrejn ġew imfaddla fil-banek għaxar darbiet l-ammont li kien imfaddal fl-2019.

Fl-istess ħin għad hemm restrizzjonijiet fejn il-Maltin u l-Għawdin jistgħu jsiefru. Is-sena li għaddiet bħala medja kull Malti u Għawdxi siefer almenu darba, għal medja ta' ġimgħa. In-nefqa totali kienet €606 miljun, jew €51 miljun fix-xahar. B'kuntrast l-ammont li jintefaw fuq turiżmu intern bilkemm ilaħħaq għal xahar wieħed ta' din l-ispiża.

Dan jindika kemm igawdi t-turiżmu intern jekk għal ftit żmien jirnexxielna niddevjaw ftit mill-ispiża li s-soltu nagħmlu barra minn pajjiżna f'pajjiżna stess.

Biex nagħtu spinta lid-domanda domestika u ngħinu lin-negozji jirkupraw parti mit-telf fil-bejgħ li kellhom fix-xhur li għaddew se nibagħtu voucher ta' €100 lil kull persuna li għandha aktar minn sittax-il sena. Dan il-voucher se jkun maqsum f'ħames vouchers ta' €20, bl-ewwel €80 jkunu għal użu f'holiday accommodation jew ristorant jew bar liċenzjat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Il-bqija f'negozji li kienu ngħalqu bid-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa.

B'hekk per eżempju koppja f'pajjiżna se tirċievi voucher ta' €200 filwaqt li familja b'żewġt itfal ta' 'l fuq minn 16-il sena se jirċievu €400 li jrid jintefaq sal-aħħar ta' Awwissu. In-negozji li jitħallsu permezz tal-vouchers se jingħataw

rifużjoni mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fejn jidħlu vouchers relatati ma' entitajiet irreġistrati magħhom u mill-Mimcol fejn jidħol negozji li kienu ngħalqu permezz ta' avviż legali. Din se tfisser spinta lid-domanda interna ta' €34 miljun f'perjodu ta' inqas minn tliet xhur.

### 3.2.2
### Rifużjoni tat-taxxa lill-ħaddiema kollha

Barra dawn il-vouchers, il-Gvern se jkun qiegħed jibgħat ukoll iċ-ċekkijiet ta' tax refund lil dawk kollha li kienu jaħdmu fl-2018. Għat-tielet sena konsekuttiva, il-ħaddiema kollha ta' pajjiżna, kemm full-timers kif ukoll part-timers, se jibqgħalhom iktar flus f'buthom bis-saħħa ta' iktar tnaqqis fit-taxxi fuq ix-xogħol.

Din il-miżura se tiswa €11.5 miljun u minnha se jibbenefikaw 'il fuq minn 210,000 ħaddiem. B'hekk, fi tliet snin, b'din il-miżura biss, il-Gvern se jkun radd lil dawk kollha li jaħdmu madwar €35 miljun.

Bejn ċekk u voucher, familja medja fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu se jirċievu sa €328 biex jgħinu jsostnu n-negozji ta' pajjiżna.

### 3.2.3
### Tnaqqis tat-taxxa tal-boll fuq xiri ta' propjetà

Pajjiżna għandu x-xorti li huwa fost il-pajjiżi fl-ogħla rata ta' familji li huma sidien ta' djarhom. Fl-2013 konna daħħalna miżuri biex ngħinu lil dawk li qegħdin jixtru l-ewwel dar tagħhom u fi snin ta' wara daħħalna inċentivi oħra, inkluż roħs qawwi fil-boll għal ċerti propjetajiet fosthom dawk f'Għawdex u f'Żoni ta' Konservazzjoni Urbana (UCAs), kif ukoll aġevolament għal min kien se jixtri t-tieni propjetà.

Fis-sitwazzjoni preżenti jagħmel sens li biex nagħtu l-qalb lil dawk li qegħdin f'konvenju jew li qegħdin jaħsbu li jidħlu f'wieħed. Fi żmien ir-riċessjoni tal-2009, il-Gvern ma kienx ħa miżuri f'dan ir-rigward, u x-xiri tal-propjetà waqa' bi kważi 20%. Is-suq tal-propjetà mbagħad dam sal-2013 ma reġa' rkupra l-livell ta' bejgħ tal-2008.

Ma naffordjawx bħala pajjiż li jerġa' jseħħ l-istess.

Għalhekk ir-rata tal-boll fuq xiri ta' propjetà se tonqos minn 5% għal 1.5% fuq kuntratti li se jiġu ffirmati bejn id-9 ta' Ġunju 2020 u l-31 ta' Marzu 2021. L-ammont li fuqu se jinħadem dan ir-roħs se jkun sal-ewwel €400,000 tal-valur tal-propjetà li mhux se tintuża għal skopijiet kummerċjali.

Din il-miżura se tiswa mat-€32 miljun u se tgħin lil madwar 10,000 koppja.

Fl-istess ħin, biex ninċentivaw lil dawk li kienu qegħdin jagħmlu żvilupp ta' propjetà u li issa forsi jistgħu qegħdin jikkunsidraw li jwaqqfu l-iżvilupp, ħaġa li kieku tkerrah ħafna l-ambjent urban tagħna kif ukoll tista' tkun ta' periklu, se nnaqqsu r-rata ta' taxxa fuq dawk li qegħdin ibigħu propjetà minn 8% għal 5%. Dan se jkun għal propjetajiet fejn għadu qiegħed isir żvilupp kif ukoll għal kuntratti li jsiru wara id-9 ta' Ġunju 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.

## 3.2.4
## Modifika tal-iskema tal-first time buyers

Sabiex ngħinu aktar lil dawk li qegħdin isiru sidien ta' darhom, se tkun immodifikata l-iskema tal-first time buyers. Għall-kuntratti kollha li se jsiru minn għada, sakemm persuna mhux diġà bbenefikat mill-iskema mill-2013 'l hawn, se nagħtu din il-konċessjoni lil kull min ikun qiegħed jixtri r-residenza prinċipali. B'hekk, b'din il-modifika, min bħalissa ma jikkwalifikax għax diġà kellu propjetà, se jkun qiegħed ukoll igawdi mill-iskema.

## 3.2.5
## Rifużjoni għal dawk li kellhom jipposponu t-tieġ

Numru ta' koppji kellhom jipposponu ċ-ċerimonji ta' żwieġ. Għal ħafna koppji l-posponiment ta' din il-ġurnata importanti mhux biss wassal għal dieqa u inkonvenjent, imma wassal ukoll għal spejjeż konsiderevoli. Wara li Identity Malta rrinunzjat għall-ħlasijiet ta' reġistrazzjoni għal dati ta' żwiġijiet ġodda, il-Gvern permezz tal-Mimcol, se jniedi skema li biha jirrifondi sa massimu ta' elfejn ewro li dawn il-koppji kellhom iħallsu fi spejjeż addizzjonali għax kienu kostretti jmexxu d-data tat-tieġ tagħhom. Għal din l-iskema hemm allokazzjoni ta' €2 miljun.

# 03.3
# Sostenn dirett lill-industrija ta' pajjiżna u favur ix-xogħol

## 3.3.1
## Miżuri biex insostnu s-supply chains tal-ekonomija tagħna

Il-pandemija wasslet għal taqlib fis-settur loġistiku ta' pajjiżna u għolliet l-ispejjeż tat-trasport. Biex ngħinu lill-industrija lokali żżomm il-kompetittività u biex ma jkunx hemm impatti wkoll fuq il-prezz tal-oġġetti impurtati, għal perjodu ta' sitt xhur mill-1 ta' Ġunju, il-Gvern se jagħti rifużjoni ta' 33% fil-port charges għal dawk il-vapuri li jġibu merkanzija lejn pajjiżna, imma mhux dawk involuti fi transshipment. Se tingħata wkoll rifużjoni ta' 10% fuq il-container discharge fees għall-importazzjoni u l-esportazzjoni, imma mhux transshipment.

## 3.3.2 Stabbiltà fis-suq kapitali lokali

Il-COVID-19 ġabet inċertezza kbira mhux biss fl-ekonomija iżda wkoll fis-swieq finanzjarji inkluż fis-suq kapitali. Sabiex jiżgura stabbiltà fis-suq kapitali, il-Gvern, permezz tal-Bank Malti tal-Iżvilupp qiegħed iħejji faċilità ġdida ta' underwriting ta' bonds ta' intrapriżi privati li se jagħlqu din is-sena. Permezz ta' din il-faċilità, il-Bank Malti tal-Iżvilupp ikun qiegħed jissottoskrivi dawn il-bonds u b'hekk ikun qiegħed jipprovdi assigurazzjoni li dawn il-bonds jittieħdu kollha.

### 3.3.3
### Sostenn għall-promozzjoni tal-esportazzjoni

Biex nilħqu swieq ġodda hemm bżonn investiment akbar f'marketing diġitali. Għalhekk se niddedikaw budget ta' €400,000 lil Trade Malta ħalli din tirrifondi nofs l-ispejjeż involuti sa massimu ta' €10,000 biex negozji lokali jinvestu f'kampanji ta' promozzjoni diġitali fi swieq barranin.

Barra minn hekk Trade Malta se tirrifondi sa 80% tal-ispejjeż involuti ta' ażjendi li kienu se jieħdu sehem f'fieri internazzjonali u li tħassru. Dan se jkun limitat għal fieri fejn kien hemm diġà applikazzjoni ma' Trade Malta.

### 3.3.4
### Garanzija ta' kreditu għall-esportazzjoni

Hemm bżonn f'dan iż-żmien fejn is-swieq tradizzjonali tagħna kapaċi jkunu dgħajfa li nħarsu anke lejn swieq oħra, fost l-oħrajn il-kontinent Afrikan, il-Lvant Nofsani kif ukoll l-Amerika Latina. Minkejja l-prospetti ċari li dawn joffru, hemm element ta' riskju li jxekkel lill-intrapriżi lokali biex jidħlu għal dawn l-opportunitajiet.

Għalhekk se nkunu qegħdin nallokaw €10 miljun biex il-Malta Enterprise bl-għajnuna tal-Bank Malti tal-Iżvilupp tibda skema ta' export credit guarantee. Dan l-investiment se jgħinna biex niddiversifikaw aktar u nkomplu noħolqu ekonomija reżiljenti.

## 3.3.5
## Għajnuna għall-immodernizzar tal-makkinarju fl-industrija tal-kostruzzjoni

F'perjodu fejn il-kostruzzjoni, bħal industriji oħra, għaddejja minn żmien relattivament anqas attiv, huwa importanti li nagħtu inċentivi għan-negozji biex jimmodernizzaw il-makkinarju tagħhom għal wieħed iktar effiċjenti u li jħares l-ambjent. Dan huwa bżonnjuż biex intejbu l-impatt ambjentali ta' din l-industrija kif ukoll biex intejbu l-effiċjenza u nnaqqsu l-ispejjeż.

Għalhekk se nallokaw €4 miljun għal dan il-għan, fejn kull negozju jista' jingħata appoġġ sa massimu ta' €200,000.

## 3.3.6
## Kampanja promozzjonali għan-negozji Maltin u Għawdxin

Il-Coronavirus uriena kemm huwa importanti li jkollna provvista tajba lokali ta' ikel, prodotti u servizzi. Filwaqt li importanti li ngawdu mill-globalizzazzjoni, huwa importanti wkoll li jkollna industrija lokali li tforni parti tajba mill-bżonnijiet tagħna.

Biex ngħinu lin-negozji tagħna, li minħabba ċ-ċokon tagħhom m'għandhomx ir-riżorsi biex jippromwovu lilhom infushom daqs kumpaniji kbar barranin, se nniedu kampanja promozzjonali għan-negozji Maltin u Għawdxin kif ukoll għajnuna għall-produzzjoni tal-prodott lokali. Din l-inizjattiva se jkollha allokazzjoni ta' €5 miljun.

## 3.3.7
## Environmental, Social and Governance (ESG) Framework

Fil-qafas ta' Green Recovery, il-Gvern qiegħed jiffinalizza l-pjan tiegħu biex fil-Budget annwali li jmiss titħabbar kif se tiġi implimentata l-Low Carbon Development Strategy b'rabta mal-Ftehim ta' Pariġi. Din tinkludi, fost kunċetti oħra, l-urban greening, u l-mixja lejn karozzi elettriċi.

Bid-direttiva 2014/95/EU, l-Unjoni Ewropea bdiet tindirizza l-bżonn li kumpaniji kbar jippubblikaw informazzjoni mhux finanzjarja ħalli tgħin biex investituri li għandhom interess favur involviment ambjentali, soċjali u favur il-governanza jkunu jistgħu jinvestu b'mod aħjar.

Din id-direttiva imma ma tkoprix negozji żgħar u medji. Għalhekk teżisti opportunità biex pajjiżna joħloq qafas legali għal dawn l-ażjendi u noħolqu ambjent attraenti għal numru ta' kumpaniji barranin biex jiġu jinvestu f'pajjiżna f'settur ekonomiku ġdid.

## 3.3.8
## L-akbar proġett ta' Infrastruttura Industrijali fl-istorja ta' pajjiżna

Element importanti – li kien xkiel qabel il-miġja tal-pandemija – kien in-nuqqas ta' faċilitajiet u infrastruttura industrijali. Huwa għalhekk li dan huwa propju ż-żmien fejn għandna niddedikaw ammont sostanzjali mit-tifdil li seħħ f'pajjiżna biex waqt li qegħdin intejbu l-infrastruttura ġenerali, nibnu wkoll infrastruttura industrijali ġdida.

Għalhekk fit-tmien snin li ġejjin se nimbarkaw fuq proġetti li meħudin flimkien se jlaħħqu €400 miljun. Fost il-proġetti maġġuri, il-Life Sciences Park li tant kien suċċess, hemm bżonn li nkomplu nestenduh, speċjalment fid-dawl ta' kemm se jkun importanti dan il-qasam wara l-pandemija. Dan se jinvolvi spiża ta' madwar €98 miljun.

Se nkomplu nimbuttaw l-innovazzjoni u l-ekonomija diġitali, b'upgrading tal-Kordin Business Incubation Centre u żvilupp ta' faċilità ġdida bi spiża ta' €14-il miljun.

Fl-ex-landfill tal-Marsa qegħdin nippjanaw investiment ta' €51 miljun biex isir park industrijali ġdid għan-negozji żgħar. Se nagħmlu wkoll hub loġistiku ġdid li permezz tiegħu nkomplu ntejbu dan is-settur importanti għal pajjiżna. Dan ser jinvolvi investiment kapitali ta' €110 miljun.

Apparti l-attività ekonomika kbira li ħa joħloq dan l-investiment se nkunu qegħdin nippreparaw l-infrastruttura industrijali għall-futur. Dawn il-proġetti se jitmexxew mill-Malta Industrial Parks.

### 3.3.9
### Estensjoni tal-COVID-19 Wage Supplement

Biex nilqgħu għall-impatt tal-pandemija konna nedejna numru ta' skemi. Xi wħud, bħall-benefiċċju mediku u ta' diżabbiltà, issa mhux se jibqgħu miftuħin. Fejn jidħol il-benefiċċju tal-ġenituri u dak tad-diżimpjieg, dan se jibqa' sal-aħħar ta' Ġunju. Il-COVID Wage Supplement se jibqa' kif inhu sa din id-data.

Imbagħad sa Settembru se tinżamm ir-rata ta' benefiċċju ta' €800 għal kull impjegat full-time (u €500 għall-part-time) għal oqsma direttament involuti mal-akkomodazzjoni turistika, aġenżiji tal-ivvjaġġar, skejjel tal-lingwi, organizzazzjoni ta' events u trasport bl-ajru.

Se jkun hemm xi setturi li se jitmexxew għal Annex B, li jinkludu dawk li jagħtu servizzi personali u għalhekk minkejja li qegħdin joperaw xorta se jibqgħu jingħataw sostenn. Min-naħa l-oħra dawk in-negozji l-oħra fuq Annex A se jgawdu minn benefiċċju ta' €600 għal kull impjegat full-time (u €375 għall-part-time). Dan se jkun ifisser sostenn lil madwar 20,000 ażjenda jew self-employed ta' kważi €91 miljun.

Ta' min ifakkar li permezz tal-iskema tar-rifużjoni tal-kontijiet tal-elettriku u r-restart grant, mingħajr ma nsemmu għajnuniet oħra, dawn il-kumpaniji se jgawdu minn appoġġ ta' €80 miljun bejn Lulju u Settembru. Dan ifisser sostenn akbar milli kien jingħata bil-COVID-19 Wage Supplement.

### 3.3.10
### Titjib fl-in-work benefit

Wieħed mill-aktar benefiċċji effettivi li għen biex inżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kien l-in-work benefit. Dan tejjeb id-dħul ta' madwar 5,000 familja u t-8,000 wild tagħhom. Biex inkomplu nibnu fuq dan is-suċċess se nkunu qegħdin intejbu r-rati b'dan il-mod.

Għall-koppji fejn it-tnejn jaħdmu, ir-rati se jiżdiedu b'€100 fuq dħul sa €18,111; b'€50 għal dħul bejn €18,112 sa €23,711; u bi €30 għal kategoriji l-oħra. B'hekk l-ogħla rata tkun ta' €1,400 għal kull wild. Se nkunu qegħdin nestendu l-qualifying threshold minn €24,812 għal €26,000.

Fir-rigward tas-single parents ir-rati kollha se jitilgħu b'€50, ħalli r-rata titla' sa massimu ta' €1,400 kull wild. Il-qualifying threshold se tkun estiża minn €17,312 sa €18,200.

Fl-aħħarnett għal dawk il-koppji fejn jaħdem ġenitur wieħed biss ir-rati se jiżdiedu bi €80, bir-rata massima titla' għal €630 għal kull wild. It-threshold se titla' minn €17,312 sa €22,000.

Barra minn hekk, se nżidu suppliment speċjali ta' €250 għal kull familja li tibbenefika mill-in-work benefit. Dan se jsir biex nagħtu inċentiv akbar ħalli l-ġenituri jaħdmu. B'kollox dawn il-modifiċi se jiswew madwar €4 miljun.

## 3.3.11
## Għajnuna għal għaqdiet volontarji

F'din il-pandemija ħareġ bis-sħiħ kemm huma importanti l-għaqdiet volontarji. Dawn żdidilhom ħafna x-xogħol fi żmien meta d-donazzjonijiet u l-għajnuna ta' volontarji naqset. Għalhekk se nallokaw is-somma ta' €3 miljun biex bħalma tajna nifs lin-negozji nagħtu nifs akbar lil dawn l-għaqdiet tant importanti.

## 3.3.12
## Għajnuna għad-djar tal-anzjani

Anke id-djar tal-anzjani kellhom impatt sostanzjali li żied l-ispejjeż tagħhom. F'pajjiżna, għax konna prudenti, ma kellniex imxija f'dawn id-djar. Għalhekk huwa importanti li nirrikonoxxu dan l-impenn b'allokazzjoni ta' €2 miljun f'għajnuna.

04

# KONKLUŻJONI

Dan il-pakkett ta' miżuri huwa l-akbar injezzjoni li qatt għamel Gvern fl-istorja ta' pajjiżna. B'kollox il-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika huwa ekwivalenti għal 6.6% tal-PDG ta' pajjiżna. Minbarra li huwa ogħla mill-miżuri preċedenti l-oħra meħudin flimkien, il-ħsieb wara dan il-pjan huwa ferm differenti.



Il-pjan biex Malta ta' għada tkun aħjar fih miżuri li essenzjalment huma intiżi biex jagħtu nifs lin-negozji billi jnaqqsu l-piż tal-operat u jtejbu l-prospetti ta' profitti, filwaqt li wkoll jagħti spinta lill-familji billi nagħtuhom aktar flus fil-but filwaqt li jsostnu l-ass l-aktar importanti tagħhom, il-propjetà.

Il-pjan fih taħlita ta' miżuri b'enfasi fuq ix-xhur li ġejjin flimkien ma' oħrajn b'viżjoni ferm itwal. Huwa pjan ħolistiku li mhux biss se jagħti impetu lin-negozji eżistenti, imma li se joħloq opportunitajiet ġodda għal niċeċ ta' attività ġdida u ażjendi innovattivi. Huwa pjan ibbażat fuq il-fiduċja li għandna fil-poplu tagħna.

Poplu qalbieni li rnexxielu jirbaħ il-gwerra mal-coronavirus b'riżultati fil-kamp mediku li huma l-għira tal-Ewropa.

Il-COVID-19, fenomenu li seta' faċilment firidna, fir-realtà spiċċa għaqqadna. Fl-eqqel tal-kriżi, il-partijiet soċjali ftehmu għat-tieni darba fl-istorja riċenti ta' pajjiżna u salvajna flimkien aktar minn 100,000 impjieg. Huwa fid-dawl ta' dan li issa li neħħejna r-restrizzjonijiet, kien dover tal-Gvern li jidħol bis-saħħa biex isostni l-kummerċ fl-ewwel perjodu fraġli wara l-lockdown parzjali.

Permezz ta' dan il-pjan pajjiżna se jkompli s-suċċess ekonomiku, b'riżultat li Malta jkollha Għada Aħjar.

GVERN TA' MALTA